**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 29 ta' Ottubru 2015**

Rikors Guramentat Nru. 284 / 14RGM

Kawza fil-lista: 26

**A *sive* B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fit-12 ta' Dicembru 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-esponenti zzewget lill-konvenut fit-tmintax [18] ta' Marzu tas-sena elf disa' mija hamsa u tmenin [1985], mil-liema zwieg huma ghandhom zewg ulied u eioe' E u F ahwa C, illum it-tnejn maggorenni.

Illi l-hajja konjugali bejn il-konjugi C m'ghadiex aktar possibli stante sevizzi, minacci w ingurji gravi kommessi mill-intimat versu l-esponenti li lkoll jimmilitaw sabiex inholqot inkompatibilita' ta' karattru bejn l-istess konjugi.

Illi ghalhekk iz-zwieg ta' bejn il-konjugi C tkisser b'mod irrimedjabbli u l-istess konjugi ilhom issa jghixu separati de facto ghal dawn l-ahhar erbatax-il [14] sena u aktar u cioe' mis-27 ta' Luiju 1999.

Illi matul dan il-perjodu ta' zmien li sehhet is-separazzjoni *de facto* sal-lum, l-esponenti saret taf illi l-intimat ghamel hafna dejn biex, fost affarijiet ohra, ikollu biex jixtri d-droga stante li huwa additt tad-droga.

Illi l-esponenti gia ghaddiet rnill-procedura ta' medjazzjoni, ghal-liema proeeduri l-intimat qatt ma attenda u ghalhekk gew issa maghluqa u qed issir din il-kawza.

Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi:-

Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontndenti ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli unikament lill-intimat, fosthom sevizzi, minacci w ingurji gravi, li konsegwenza taghhom iz-zwieg tal-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli;

Tiddeciedi u tiddikjara illi bl-imgieba tieghu l-intimat iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment minghand l-esponenti martu;

Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwistri bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod billi jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet, u billi wkoll tigi stabilita data minn meta l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponenti martu;

Tiddeciedi u tiddikjara li kull parti jkun responsabbli ghal kwaisiasi debitu li seta' ghamel mis-27 ta' Lulju, 1999 u cioe' id-data meta sehhet s-separazzjoni de facto ta' bejn il-kontendenti; u

Tapplika in toto jew in parte kontral-intimat l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat fit-2 ta’ Jannar 2015 ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci.

Ezaminat il-provi mressqa mill-attrici.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

L-**attrici A C** resqet ix-xhieda taghha bil-mezz ta’ affidavit.

Hija spjegat illi matul il-hajja mizzewga sakemm infirdu *de facto* hi u t-tfal tal-partijiet ghexu hajja ta’ tbatija peress li kienu neqsin minn hafna affarijiet. Il-konvenut ma kienx jikkontribwixxi ghall-ghixien tal-familja tieghu. Tghid li mill-bidunett taz-zwieg taghhom il-konvenut kien afflitt mill-vizzju tad-droga tant li

mill-bidu taz-zwieg gieli sabiet lill-konvenut mitluf minn sensih. Xhedet illi kien hemm diversi episodji fejn l-attrici tohrog mid-dar sabiex taghmel il-qadi u meta tirritorna ssib id-dar matrimonjali bil-hbieb tal-konvenut li kienu maghrufa li jikkonsmaw id-droga. Kif tidhol id-dar huma kienu jitilqu 'l barra. Tghid illi ftit wara li kienu mizzewga l-konvenut gie arrestat fuq pussess tad-droga u minn dak iz-zmien beda diehel u hiereg il-habs.

Tghid li sabiex tghix u tghajjex iz-zewg ulied tal-partijiet kienet kostretta tmur tahdem billi tnaddaf ghand in-nies. Izda anke hawnhekk kien ikollha diffikultajiet mal-konvenut peress illi meta jmur lura d-dar kien johdilha il-flus kollha li tkun qalet sabiex juzhom ghall-akkwist tad-droga u kien ihalliha fi problema kbira sabiex tara kif ser takkwista l-ikel ghaliha u ghat-tfal. Wiehed minn uliedha irrizulta li kien 'autistic'. Ghalkemm b'diffikulta' kbira hija irnexxielha taghti edukazzjoni lil uliedha u llum wiehed mit-tfal tal-partijiet jahdem ma' kumpanija b'reputazzjoni tajba.

Tispjega illi minhabba li l-konvenut kien inhakem mill-vizzju tad-droga kien ikun ghal hafna hin rieqed u ma kienx jahdem.

L-attrici spjegat illi ma kienx possibbli tibqa' tghix mal-konvenut u ghalhekk erbatax-il sena ilu telqet mid-dar matrimonjali flimkien ma' uliedha u marret tghix ghand ommha.

Jidher li dak iz-zmien kienet hadet xi passi legali kontra zewgha peress li tghid li l-kura u kusotdja tal-minuri giet fdata lilha u li l-konvenut kellu access ghall-minuri darbtejn fil-gimgha. Ma jirrizultax li dak iz-zmien kienet segwit il-proceduri b'kawza.

Xhedet illi zewgha ghamel hafna dejn minn wara dahara u li ghalhekk m'ghandiex tkun responsabbli ghal dan id-dejn.

Ghalkemm ippruvat tghin lill-konvenut johrog mill-vizzju tad-droga huwa qatt ma kkopera. Kien ghalhekk li kellha titlaq mid-dar matrimonjali.

Rat ix-xhieda mressqa bil-mezz ta' affidavit ta' ulied il-partijiet **E C** u **F C** li essenzjalment jikkorroboraw diversi partijiet mix-xhieda tal-attrici.

L-attrici sejhet ukoll bhala xhud lil **Elenio Galea**, haddiem fir-registry office tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, li ezebixxa rapport dettaljat dwar kemm-il darba l-konvenut serva pieni karcerarji mill-1988 sallum. Dawn jammontaw ghal erbatax-il darba

Ikkunsdrat;

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob is-separazzjoni personali tal-partijiet. Hija ma hiex qed titlob manteniment minghand zewgha u m'ghandiex pretensjonijiet ohra kontra tieghu la fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti u lanqas fir-rigward tad-dar matrimonjali. Titlob pero' li kwalunkwe dejn li l-konvenut setgha ghamel *ad insaputa* taghha jkun responsabbli ghalih l-istess konvenut esklussivament.

Gie ppruvat sodisfacentement permezz tal-evidenza mresqqa mill-attrici illi ghat-tkissir taz-zwieg kien jahti unikament il-konvenut minhabba li rrrenda l-hajja matrimonjali impossibbli kagun tal-vizzju tad-droga tieghu u n-numru kbir ta' kawzi penali u kundanni ta' karcerazzjoni li l-konvenut gie soggett ghalihom. L-agir tal-konvenut f'dan ir-rigward jammonta ghal ingurji gravi.

Jirrizulta wkoll li l-konvenut huwa hati ta' abbandun versu l-attrici u t-tfal taghhom.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, fil-kontumacja tal-konvenut il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet kien jahti unikament il-konvenut minhabba ingurji gravi u abbandun.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-dritt li jitlob manteniment minghand l-attrici.

3. Tilqa' t-tielet talba, ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet; tiddikjara illi ma hemmx assi tal-komunjoni x'jigu divizi u tiddikjara illi d-data li fiha sehh it-tkissir taz-zwieg tal-partijiet tort uniku tal-konvenut hija s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju elf disa' mija u disgha u disghin.

4. Tordna u tiddikjara illi kwalunkwe dejn li ghamel il-konvenut mis-27 ta' Lulju 1999 'il quddiem huwa responsabbli ghalih wahdu.

5. Tilqa' l-hames talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef**